Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2075

29.7.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2075**

**tas-26 ta' Lulju 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK [1].

(2) F'konformità mal-Artikoli 26(1) u (3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-lista ta' persuni u entitajiet indikati li tinsab fl-Annessi II u V ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw żewġ persuni u erba' entitajiet iddeżinjati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK jitneħħew minn dak l-Anness. Jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, sakemm isimhom ma jkunx imsemmi fl-Anness VI għal dik id-Deċiżjoni, u jenħtieġ li jiġu aġġornati 56 entrata inklużi fl-Anness II. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati kollha fl-Anness V ta' dik id-Deċiżjoni jiġu mħassra.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/413/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u V tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

BÓKA J.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

*ANNESS*

I. L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati 13 (rigward Anis NACCACHE) u 14 (rigward il-Brigadier Ġenerali Mohammad NADERI) fil-lista intitolata "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", taħt is-subintestatura "A. Persuni", huma mħassra,

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "A. Persuni":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "12. | Mohammad Reza MOVASAGHNIA | | Viċi Ministru għall-Industrija u President ta' IMIDRO, the Iranian Mines and Mining Industries Development and Renovation Organization, sa minn Awwissu 2023. Eks kap ta' Naval Defense Missile Industry Group, magħruf ukoll bħala Samen Al A'Emmeh Industries Group (SAIG) u Cruise Missile Industry Group indikat mill-UE. | 26.7.2010 |
| 29. | Milad JAFARI (Milad JAFERI) | Data tat-twelid: 20.9.1974 | Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar metalli, lill-kumpaniji fittizji ta' SHIG indikati mill-UE. Wassal prodotti lil SHIG bejn Jannar u Novembru 2010. Ħlasijiet għal xi prodotti saru fil-fergħa ċentrali tal-Export Development Bank of Iran (EDBI), indikat mill-UE f'Tehran wara Novembru 2010. | 1.12.2011 |
| 31. | Ali KARIMIAN | | Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar fibri tal-karbonju, lil SHIG u SBIG, indikati mill-UE. | 1.12.2011 |
| 32. | Majid KHANSARI | | Direttur Eżekuttiv ta' Kalaye Electric Company (KEC), indikata mill-UE. | 1.12.2011 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 50. | Mohammad Baqer ZOLQADR<br>(محمد باقر ذو القدر)<br>(magħruf ukoll bħala Mohammad Baqer ZULQADER;<br>Mohammad Bagher ZOLGHADR) | Data tat-twelid: 1954<br>Post tat-twelid: Faisa, l-Iran<br>Funzjoni: Segretarju tal-Expediency Discernment Council<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Mohammad Baqer Zolqadr huwa eks uffiċjal tal-IRGC li bħalissa huwa Segretarju tal-Expediency Discernment Council. Il-mexxej suprem, li jaħtar il-membri ta' dan il-Kunsill, iddelega s-superviżjoni tal-gvern lilu. Fil-prattika, l-Expediency Discernment Council jappoġġa lill-Gvern tal-Iran billi huwa parti intrinsika mir-reġim. Għalhekk, f'dan ir-rwol, Zolqadr jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007)" |

(3) l-entrati 59 (rigward Marou Sanat (magħrufa wkoll bħala Mohandesi Tarh Va Toseh Maro Sanat Company)), 95 (rigward Samen Industries (magħrufa wkoll bħala Khorasan Metallurgy Industries)), 98 (rigward SURENA (magħrufa wkoll bħala Sakhd Va Rah-An-Da-Zi)), u 179 (rigward Farayand Technique (magħrufa ukoll bħala Technology of Centrifuge of Iran Company)) fil-lista intitolata "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", huma mħassra,

(4) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Aerospace Industries Organisation, AIO | AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran<br>Langare Street,Nobonyad Square,Tehran, Iran | L-AIO tissorvelja l-produzzjoni Iranjana tal-missili, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group, ix-Shahid Bagheri Industrial Group u l-Fajr Industrial Group indikati mill-UE. | 23.4.2007 |
| 9. | ESNICO (Equipment Supplier for Nuclear Industries Corporation - Fornitur ta' Tagħmir għall-Korporazzjoni ta' Industriji Nukleari) | No 1, 37th Avenue, Asadabadi Street, Tehran, Iran | Jipprokura merkanzija industrijali, speċifikament għall-attivitajiet tal-programm nukleari mwettaq minn AEOI, Novin Energy u Kalaye Electric Company indikata mill-UE. Id-Direttur ta' ESNICO huwa Haleh Bakhtiar. | 26.7.2010 |
| 18. | Iran Centrifuge Technology Company (magħrufa wkoll bħala TSA; TESA; Farayand Technique; Technology of Centrifuge of Iran Company) | Indirizz 1: 156 Golestan Street, Saradr-e Jangal, Tehran<br>Indirizz 2: Khalij-e Fars Boulevard, Kilometre 10 of Atomic Energy Road, Rowshan Shahr, Third Moshtaq Street, Esfahan, Iran<br>Indirizz 3: Yousef Abad District, No. 1, 37th Street, Tehran, Iran | Iran Centrifuge Technology Company timmanifattura partijiet ta' ċentrifugi għall-arrikkiment tal-uranju, u qed tappoġġa direttament l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 26.7.2010 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 20. | Iran Electronic Industries u s-sussidjarji segwenti: | P.O. Box 18575-365, Tehran, Iran | Sussidjarja sħiħa ta' proprjetà ta' MODAFL (u għaldaqstant organizzazzjoni li tagħmel parti mill-istress grupp bħall-AIO, l-AvIO u d-DIO). Ir-rwol tagħha hu li timmanifattura komponenti elettroniċi għas-sistemi Iranjani tal-armi. Għalhekk hija entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 23.6.2008 |
| | (a) Isfahan Optics | P.O. Box 81465-313 Kaveh Ave., Isfahan, Iran<br>P.O. Box 81465-117, Isfahan, Iran | Ipposseduta jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' Iran Electronics Industries, entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Isfahan Optics huwa involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 26.7.2010 |
| 29. | Ministry Of Defense And Support For Armed Forces Logistics (magħruf ukoll bħala Ministry Of Defense For Armed Forces Logistics; magħruf ukoll bħala MODAFL; magħruf ukoll bħala MODSAF) | Indirizz nru 1: Ferdowsi Avenue, Sarhang Sakhaei Street, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: PO Box 11365-8439, Iran<br>Indirizz nru 3: Sarhang Sakhaei Street, Ferdowsi Avenue, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 4: PO Box 11365-8439, Iran<br>Indirizz nru 5: Pasdaran Ave., Tehran, Iran<br>Indirizz nru 6: PO Box 16315-189, Tehran, Iran<br>Address no. 7: located on the west side of Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 8: PO Box 19315-189, Pasdaran Street, South Noubonyand Square, Tehran, Iran | Il-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati, li jinkludi MODLEX Export Center (magħruf ukoll bħala l-Ministeru għall-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX)), huwa responsabbli għar-riċerka, l-iżvilupp, il-manifattura u l-programmi ta' esportazzjoni tad-difiża tal-Iran, inkluż l-appoġġ għall-programmi tal-missili u nukleari. | 23.6.2008 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 31. | Parchin Chemical Industries (PCI)<br>صنایع شیمیایی پارچین<br>(magħrufa wkoll bħala Parchin Chemical Factories Chemical Industries Group;<br>PCF Chemical Industries Group;<br>Parchin Chemical Factories;<br>Parchin Chemical Industry Group;<br>PCI Group;<br>Parchin Chemical Ind (PCF);<br>Parchin Chemical Factories;<br>Para Chemical Industries;<br>PCF;<br>PCI;<br>Parchin Military Base) | Indirizz nru 1: Khavaran Road Km 30-35, Parchin Special Road, Varamin, Parchin<br>Indirizz nru 2: Nobonyad Square, Tehran 15765-358<br>Indirizz nru 3: Parchin Forked Rd., 35th km. Khavaran Rd., Pakdasht, Tehran, Iran (il-Fabbrika)<br>Indirizz nru 4: 2nd Floor, Sanam Bldg., Nobonyad Sq., Tehran, Iran (L-Uffiċċju Prinċipali)<br>Indirizz nru 5: Pasdaran Square, P.O. Box 16765/358, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 6: 2nd Floor, Sanam Bldg., 3rd Floor, Sanam Bldg., P.O. Box 16765/358, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br>Nru tat-telefon: + 98 21 2258929; + 98 21 35243153; + 98 21 3130626<br>Sit elettroniku:http://icig.ir/<br>Numru tar-reġistrazzjoni: Reġistrazzjoni ta' Kumpanija Kooperattiva Nru 892<br>Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL); Defence Industries Organisation (DIO); Aerospace Industries Organization (AIO); Iran Electronics Industries (IEI) | Parchin Chemical Industries (PCI) tipproduċi munizzjon, splussivi, u propellanti solidi għal rokits u missili. Il-faċilitajiet ta' Parchin intużaw għall-produzzjoni u l-ittestjar ta' armi nukleari. Parchin Chemical Industries hija għalhekk responsabbli għall-fatt li tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.<br>Parchin Chemical Industries tagħmel parti minn Chemical Industries and Development of Material Group (CIDMG), li hija fergħa tad-Defense Industries Organization (DIO) tal-Iran, li taqa' taħt il-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) u għalhekk hija proprjetà tal-Gvern Iranjan. Parchin Chemical Industries hija għalhekk entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran, u hija kkontrollata minn u assoċjata ma' entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 23.6.2008<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 35. | Raka | | Dipartiment ta' Kalaye Electric Company, indikata mill-UE. Stabbilit lejn l-aħħar tal-2006, kien responsabbli għall-bini tal-Impjant tal-Arrikkiment tal-Uranju f'Fordow (Qom). | 26.7.2010 |
| 42. | Yasa Part u s-sussidjarji segwenti: | | Kumpanija li tittratta attivitajiet ta' prokura relatati max-xiri ta' materjali u teknoloġiji meħtieġa għall-programmi nukleari u ballistiċi. | 26.7.2010 |
| | (a) Arfa Paint Company (magħrufa wkoll bħala ARFA; Arfa Company) | Indirizz 1: Unit 5, 9th floor, Sarve Tower, Saadat Abad, Tehran, Iran<br>Indirizz 2: 16th km Karaj Special Road, Tehran, Iran | Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part. | 26.7.2010 |
| | (b) Arfeh Company | Indirizz: West Lavasani, Tehran, Iran | Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part. | 26.7.2010 |
| | (d) Hosseini Nejad Trading Co. (magħrufa wkoll bħala Hosseini Nejad Trading Company) | | Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part. | 26.7.2010 |
| | (e) Iran Saffron Company (magħrufa wkoll bħala Iransaffron Co.; Iran Safron; Iran Saffron; Iran Saffron Co.) | | Taġixxi għan-nom ta' Yasa Part. | 26.7.2010 |
| 57. | Hirbod Co | Hirbod Co - Flat 2, 3 Second Street, Asad Abadi Avenue, Tehran 14316 | Kumpanija li akkwistat prodotti u tagħmir iddestinati għall-programmi Nukleari u tal-Missili Ballistiċi tal-Iran għal Kalaye Electric Company (KEC) li hi indikata mill-UE. | 23.5.2011 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 60. | Paya Parto (magħrufa wkoll bħala Paya Partov; National Centre for Laser Science and Technology) | | Paya Parto (magħrufa wkoll bħala Paya Partov jew Iranian National Centre for Laser Science and Technology) hija entità li tirriċerka s-separazzjoni tal-isotopi stabbli, parametru ewlieni għall-produzzjoni ta' komponenti ta' ċentrifugi, bħala parti mill-programm nukleari tal-Iran.<br><br>Fl-2021, fl-isfond tal-Jum Nazzjonali Nukleari tal-Iran, Paya Parto, taħt il-psewdonimu tagħha National Centre for Laser Science and Technology, żvelat għadd ta' 'proġetti nukleari mhux speċifikati'.<br><br>Paya Part hija għalhekk responsabbli għall-fatt li tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 23.5.2011 |
| 76. | Iran Marine Industrial Company (SADRA) | Sadra Building No 3, Shafagh St., Poonak Khavari Blvd., Shahrak Ghods, P.O. Box 14669-56491, Tehran, Iran | Effettivament ikkontrollata minn Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA), indikata mill-UE bħala kumpanija IRGC. Tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran permezz tal-involviment tagħha fis-settur tal-enerġija Iranjan inkluż fil-kamp tal-gass ta' South Pars. | 23.5.2011 |
| 81. | Eyvaz Technic | No 3, Building 3, Shahid Hamid Sadigh Alley, Shariati Street, Tehran, Iran. | Produttur ta' tagħmir ta' vakwu li pprovda s-siti ta' arrikkiment tal-uranju f'Natanza u Qom/Fordow. Fl-2011, ġew ipprovduti trasdutturi ta' pressjoni lil Kalaye Electric Company (KEC), indikata mill-UE. | 1.12.2011 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 83. | Ghani Sazi Uranium Company (magħrufa wkoll bħala Iran Uranium Enrichment Company) | 3, Qarqavol Close, 20th Street, Tehran, Iran | Hija għandha kuntratti ta' produzzjoni ma' Kalaye Electric Company (KEC) indikata mill-UE u TESA indikata mill-UE. | 1.12.2011 |
| 84. | Iran Pooya (magħrufa wkoll bħala Iran Pouya) | | Kumpanija li s-sid tagħha huwa l-Gvern u li operat l-ikbar extruder tal-aluminjum fl-Iran u pprovdiet materjal biex jintuża fil-produzzjoni ta' kisi għaċ-ċentrifuġi IR-1 u IR-2. Manifuttur prinċipali ta' ċilindri tal-aluminjum għal ċentrifuġi li l-konsumaturi tagħhom jinkludu l-AEOI u TESA, indikata mill-UE. | 1.12.2011 |
| 88. | MACPAR Makina San Ve Tic | Istasyon MH, Sehitler cad, Guldeniz Sit, Number 79/2, Tuzla 34930, Istanbul, it-Turkija | Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari li pprovda prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industries Group (SHIG), indikata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji. | 1.12.2011 |
| 89. | MATSA (Mohandesi Toseh Sokht Atomi Company) | 90, Fathi Shaghaghi Street, Tehran, Iran. | Kumpanija Iranjana mogħtija kuntratt ma' Kalaye Electric Company (KEC), indikata mill-UE biex tipprovdi servizzi ta' inġinerja għaċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Reċentement kienet qiegħda takkwista tagħmir għas-sit ta' arrikkiment tal-urnaju ta' Natanz. | 1.12.2011 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 91. | Multimat lc ve Dis Ticaret Pazarlama Limited Sirketi | | Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari li pprovda prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industries Group (SHIG), indikata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji. | 1.12.2011 |
| 97. | STEP Standart Teknik Parca San ve TIC A.S. | 79/2 Tuzla, 34940, Istanbul, it-Turkija | Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari li pprovda prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG), indikata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji. | 1.12.2011 |
| 102. | Yarsanat (magħruf ukoll bħala Yar Sanat, magħruf ukoll bħala Yarestan Vacuumi) | No. 101, West Zardosht Street, 3rd Floor, 14157 Tehran; No. 139 Hoveyzeh Street, 15337, Tehran, Iran | Kumpanija ta' akkwist għal Kalaye Electric Company (KEC), indikata mill-UE. Involuta fix-xiri ta' tagħmir u ta' materjali li għandhom applikazzjoni diretta fil-programm nukleari Iranjan. Ippruvat takkwista prodotti ta' vakwu u trasdutturi ta' pressjoni. | 1.12.2011 |
| 148. | Iran Composites Institute (magħruf ukoll bħala Composites Research Laboratory (CRL)) | Iran Composites Institute, Iranian University of Science and Technology, 16845-188, Tehran, Iran,<br>Telefon: 98 217 3912858<br>Fax: 98 217 7491206<br>Indirizz elettroniku: mailto:ici@iust.ac.ir<br>Sit web: http://www.irancomposites.org | Iranian Composites Institute (ICI, magħrufa wkoll bħala Composite Institute of Iran; Composites Research Laboratory (CRL)) kienet qed tgħin lil entitajiet magħżula fil-ksur tad-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed tappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Mill-2011, ICI kien ġie kkuntratt biex jipprovdi lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), indikata mill-UE, bi skrejjen ta' ċentrifuġu IR-2M. | 22.12.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 149. | Jelvesazan Company | 22 Bahman St., Bozorgmehr Ave, 84155666, Esfahan, Iran<br>Numru tat-telefon: 98 0311 2658311 15<br>Fax: 98 0311 2679097 | Jelvesazan Company kienet qed tgħin lil entitajiet indikati biex jiksru d-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed tappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Minn kmieni fl-2012, Jelvesazan kellu l-intenzjoni jforni pompi li joħolqu vakwu lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), indikata mill-UE. | 22.12.2012 |
| 151. | Simatec Development Company | | Simatec Development Company kienet qed tgħin lil entitajiet indikati biex jiksru d-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed tappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Minn kmieni fl-2010, Simatec kellha kuntratt ma' Kalay Electric Company (KEC) indikata mill-UE, biex takkwista invertituri Vacon biex jithaddmu ċentrifugi tal-arrikkiment tal-uranju. Min-nofs l-2012, Simatec kienet qed tipprova takkwista inverituri kkontrollati mill-UE. | 22.12.2012 |
| 152. | Aluminat | 1. Parcham St, 13th Km of Qom Rd 38135 Arak (il-Fabbrika)<br>2. Unit 38, 5th Fl, Bldg No 60, Golfam St, Jordan, 19395-5716, Tehran<br>Numru tat-telefon: 98 212 2049216 / 22049928 / 22045237<br>Fax: 98 21 22057127<br>Sit Web: www.aluminat.com | Aluminat kienet qed tgħin lil entitajiet indikati biex jiksru d-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tal-UE fuq l-Iran u qed tappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni. Kmieni fl-2012, Aluminat kellha kuntratt biex tforni aluminju 6061-T6 lil Iran Centrifuge Technology Company (TESA), indikata mill-UE. | 22.12.2012 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 161. | Sharif University of Technology | L-aħħar indirizz magħruf: Azadi Ave/Street, PO Box 11365-11155, Tehran, Iran, Tel. + 98 21 66 161 indirizz elettroniku: info@sharif.ir | Sharif University of Technology (SUT) għandha għadd ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-Gvern Iranjan indikati mill-UE, li joperaw f'oqsma militari jew marbutin mas-settur militari, b'mod partikolari fil-qasam tal-produzzjoni u l-akkwist ta' missili ballistiċi. Dan jinkludi: ftehim mal-Aerospace Industries Organisation, indikata mill-UE, fost l-oħrajn għall-produzzjoni ta' satelliti; kooperazzjoni mal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u Iranian Revolutionary Guards Corps (IRGC) rigward kompetizzjonijiet marbuta mad-dgħajjes intelliġenti (smart boat competitions); ftehim aktar ġenerali mal-Forza tal-Ajru tal-IRGC, indikata mill-UE, li jkopri l-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet, il-kooperazzjoni organizzattiva u strateġika tal-Università.<br><br>Meħuda flimkien, dawn juru li hemm rekord sinifikanti ta' involviment mal-Gvern tal-Iran f'oqsma militari jew marbuta mas-settur militari li jikkostitwixxi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 8.11.2014 |
| 175. | Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC)<br><br>موسسه آموزشی و تحقیقاتی صنایع دفاعی<br><br>(magħruf ukoll bħala Institute for Defense Education and Research;<br><br>Moassese Amozesh Va Tahghighati) | Indirizz: Pasdaran Av., P.O. Box 19585/777, Tehran, Iran<br><br>Tip ta' entità: entità tal-gvern<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran<br><br>Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL); Defence Industries Organisation (DIO) | Id-Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC) huwa entità tal-gvern ibbażata fl-Iran li twettaq riċerka u żvilupp relatati mad-difiża kif ukoll l-akkwist. Hija proprjetà maġġoritarja tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) u subordinata għalih u taqa' taħt id-Defense Industries Organization (DIO) tiegħu. MODAFL jagħti appoġġ loġistiku lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Għalhekk, DTSRC tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010<br>UE: 24.4.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 176. | Electro Sanam Company<br><br>(magħrufa wkoll bħala. E.S. Co.; E. X. Co.;<br><br>Electro Sanam Co.;<br><br>Electro Sanam;<br><br>Sanam Industrial Group;<br><br>Electro Sanam Industries;<br><br>Sanam Electronics) | Indirizz nru 1: No 24, 3rd Floor, Sink St., after Beheshti St., Northern Sohrevardi Ave. 15779 Tehran, Iran<br><br>Indirizz nru 2: Tehran P.O. Box 19395/5339, Araj Forkway, Pasdaran Ave., Tehran, Iran<br><br>Nru tat-telefon: + 98 21 8757587;<br>+ 98 21 7863352; + 98 21 88757587<br><br>Nru tal-fax: + 98 21 8757588; + 98 21 7867810; + 98 21 88757588; + 98 21 22549738<br><br>Indirizz elettroniku: fadjr@isiran-net.com; info@sanamel.com<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 1992<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 339747<br><br>Nru tal-ID nazzjonali: 10103864724<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran<br><br>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organisation (AIO) | Electro Sanam Company hija kumpanija fittizja tal-Aerospace Industries Organization (AIO) li hija involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran. Għalhekk, Electro Sanam Company hija involuta fi, assoċjata direttament ma', jew tagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 182. | Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG)<br>گروه صنایع مهمات سازی ومتالوژی | Indirizz nru 1: P.O. Box 16765/1835 Pasdaran Street<br>Indirizz nru 2: Department 145-42 P.O. Box 16765/128 Moghan Avenue, Pasdaran Street<br>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br>Entitajiet assoċjati: Shahid Sattari Industries; Parchin Ammunition Industries; 7th of Tir Industries Complex; Yazd Metallurgy Industries; Khorasan Metallurgy Industries; Shahid Sayyade Shirazi Industries; Defence Industries Organisation (DIO) | Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) huwa l-akbar grupp industrijali tad-Defense Industries Organization (DIO). Il-prodotti tiegħu jinkludu munizzjon, bombi għal kanuni tat-tip mortar, piroteknika, mini kontra t-tankijiet u dawk tal-baħar, granati tal-idejn, detonaturi, materjal tar-ram isfar, għodod tal-qtugħ, valvijiet industrijali, kariki ta' perforazzjoni għall-industrija taż-żejt u partijiet industrijali oħra. Huwa magħmul minn għaxar sussidjarji, inkluż Shahid Sattari Industries, Parchin Ammunition Industries, 7th of Tir Industries Complex, Yazd Metallurgy Industries, Khorasan Metallurgy Industries, Isfahan Ammunition Industries, Shahid Shiroudi Industries u Shahid Sayyad Shirazi Industries. Huwa kellu rwol ewlieni fil-manifattura u l-iżvilupp tal-armi u huwa marbut ma' diversi kumpaniji involuti f'attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Għaldaqstant, hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari mill-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 184. | Defence Industries Organisation (DIO)<br>سازمان صنایع دفاع جمهوری اسلامی ایران | Indirizz: Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br><br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br><br>Entitajiet assoċjati: Kaveh cutting tool company; 7th of Tir Industries; Khorasan Metallurgy Industries; Iranian Aviation Industries Organization (IAIO); Aerospace Industries Organization (AIO); Iran Electronics Industries (IEI); Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) | Id-Defense Industries Organization (DIO) hija konglomerat ta' aktar minn 300 kumpanija u sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL) li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Hija kellha rwol ċentrali fil-programm ta' żvilupp tal-missili ballistiċi tal-Iran u fl-implimentazzjoni tal-programm taċ-ċentrifugi tal-Iran. Id-DIO tissorvelja għadd kbir ta' kuntratturi u kumpaniji fittizja tal-istat fil-qasam tad-difiża direttament jew permezz tas-sussidjarja primarja tagħha, l-Aerospace Industries Organization.<br><br>Hija għandha rwol sinifikanti fil-produzzjoni ta' diversità ta' hardware militari għall-Iran, inkluż missili. Fis-snin reċenti, id-DIO ppruvat torjenta ruħha lejn l-esportazzjoni u dan ippermetta lill-Iran isir esportatur tal-armi: fl-2022, id-DIO kibret b'200 % meta mqabbel mal-2021, żviluppat 75 arma ġdida u mmultiplikat l-esportazzjonijiet tagħha b'2,5, u b'hekk ikkontribwiet għat-tkabbir tal-industrija tad-difiża tal-Iran. Għaldaqstant, id-DIO qed tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 185. | Kaveh Cutting Tools Company<br><br>(magħrufa wkoll bħala Abzar Boresh Kaveh Co.;<br><br>Abzar Boresh Kaveh Co. Persian;<br><br>Mojtame-e Abzar Boreshi Kaveh) | Indirizz nru 1: Km 4 Khalaj Road, end of Seyyedi Street, Mashad 91638, Iran<br><br>Indirizz nru 2: P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br><br>Indirizz nru 3: 3rd Km of Khalaj Road, Seyyedi Street, Mashad, l-Iran<br><br>Indirizz nru 4: Moqan St., Tehran, Iran<br><br>Sit elettroniku:<br><br>www.kavehtools.ir<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Mashad, Iran<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 1993<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Mashad, Iran Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO); Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) | Kaveh Cutting Tools Company hija kumpanija tal-manifattura Iranjana li kienet involuta fil-produzzjoni ta’ komponenti għaċ-ċentrifugi IR-1 tal-Iran, u fl-akkwist għall-programm taċ-ċentrifugi tal-Iran. Hija kkontrollata mill-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) u subordinata għad-Defense Industries Organization (DIO). Għaldaqstant, hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta’ proliferazzjoni jew fl-iżvilupp ta’ sistemi ta’ twassil ta’ armi nukleari mill-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 186. | Khorasan Metallurgy Industries<br>صنایع مهمات سازی و متالورژی خراسان<br>(magħrufa wkoll bħala Khorasan Metallurgy;<br>Khorasan Ammunition and Metallurgy Industries;<br>Khorasan Metalogy Industries;<br>The Metallurgy Industries of Khorasan;<br>Metalogy Industry of Khorasan;<br>Samen Industries<br>Preċedentement magħrufa bħala: Amin Industrial Complex) | Indirizz: 2nd km of Khalaj Road End of Seyyedi St., P.O.Box 91735-549, 91735 Mashad, Iran.<br>Sit elettroniku: www.khwarizmi.ir<br>Nru tat-telefon: + 98 511 3853008; + 98 511 3870225<br>Tip ta' entità: kumpanija pubblika<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br>Entitajiet assoċjati: Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG); Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL); Defence Industries Organisation (DIO) | Khorasan Metallurgy Industries tagħmel parti mid-Defense Industries Organization (DIO) tal-Iran u hija sussidjarja tal-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG). Hija responsabbli għall-produzzjoni ta' munizzjon u komponenti taċ-ċentrifugi kif ukoll għodod u prodotti tal-qtugħ bħal drills, milling cutters, viti, reamers, u għodod komposti. Hija qed tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 187. | Shahid Sayyade Shirazi Industries<br><br>(magħrufa wkoll bħala Shahid Sayyade Shirazi Industries;<br><br>Sayyad Shirazi Industries;<br><br>Sayad Shirazi;<br><br>Sayad Shirazi industries;<br><br>Sayad Shirazi industry;<br><br>Shaheed Sayad Shirazee ammunition industries;<br><br>Shahid Sayyadi Shirazi Industries;<br><br>Shahid Sayyed Shirazi Ind.) | Indirizz nru 1: Next To Nirou Battery Mfg. Co, Shahid Babaii Expressway, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br><br>Indirizz nru 2: Pasdaran St., P.O. Box 16765, Tehran 1835, Iran<br><br>Indirizz nru 3: Babaei Highway – Next to Niru M.F. G, Tehran, Iran<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran<br><br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br><br>Entitajiet assoċjati: Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG); Defence Industries Organisation (DIO) | Shahid Sayyad Shirazi Industries huwa produttur tal-missili proprjetà ta' Shahid Sayyad Shirazi, eks viċi kap tal-persunal tal-Forza Armata tal-Iran li hija assoċjata mal-industrija militari Iranjana. Shahid Sayyad Shirazi Industries kienu qed jippruvaw jakkwistaw metalli miċ-Ċina li jintużaw f'armi ta' teknoloġija avvanzata, inkluż missili nukleari fuq distanza twila. Jagħmel parti mill-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG), li kellu rwol ewlieni fil-manifattura u l-iżvilupp tal-armi u huwa assoċjat ma' diversi kumpaniji involuti f'attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni, u huwa sussidjarja tad-Defense Industries Organization (DIO) li hija direttament involuta fl-iżvilupp ta' missili. Huwa għalhekk ikkontrollat minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 193. | Niru Battery Manufacturing Company<br>شرکت باطری سازی نیرو<br>(magħrufa wkoll bħala Niru Battery Manufacturing Company;<br>Niru Batteries MFG. Co. Ltd.;<br>Nour Battery Manufacturing Company;<br>Sherkate Battrijazi Niru;<br>Niru Battery Co;<br>Niru Battery Mfg. Co.;<br>Nirou Battery Manufacturing;<br>Saba Battery Company;<br>Niru Co. Ltd.;<br>Sherkat Battery Sazi Niru Sahami Khass;<br>The Niru Battery Company;<br>Niru Battery Manufacturing (Batrisazi-ye Niru);<br>Niru Battery Mfg.CO (Saba Battery);<br>Sherkate Batri-e Niru;<br>Power Energy Source Development Company (ESDO)) | Indirizz nru 1: Nobonyad Blvd., Pasdaran Avenue, P.O. Box 19575/361, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: Next to Babee Exp. Way, Nobonyad Sq., Tehran, Iran<br>Indirizz nru 3: Next to Shahid Babaei Exp. way, Nobonyad Sq., 16689, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 4: End of Pasdaran Avenue, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br>Nru tat-telefon: + 98 21 251 0523 / 254 7093; + 98 21 22547094; + 98 21 22567608-9; + 98 21 2545084<br>Sit elettroniku: www.nirubattery.com; www.niruco.com<br>Indirizz elettroniku: info@nirubattery.com; export@niruco.com; niru@isiran.com<br>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br>Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO); Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) | Niru Battery Manufacturing Company hija entità rreġistrata fl-Iran li timmanifattura unitajiet ta' potenza għall-militar Iranjan, inkluż għal sistemi ta' missili. Hija kkontrollata mill-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), responsabbli għall-programmi ta' riċerka, żvilupp u manifattura għad-difiża tal-Iran, inkluż appoġġ għal programmi tal-missili u programmi nukleari. Niru Battery Manufacturing Company hija sussidjarja tad-Defense Industries Organization (DIO), konglomerat ta' kumpanji mmexxija mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Niru Battery Manufacturing Company hija għalhekk ikkontrollata minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 194. | Safety Equipment Procurement Company<br><br>(magħrufa wkoll bħala Safety Equipment Procurement;<br><br>SEP;<br><br>SEP Co.;<br><br>SEPCO;<br><br>Safety Equipment Procurement Inc.) | Indirizz: P.O. Box 16785/195, Tehran, Iran<br><br>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organisation (AIO) | Safety Equipment Procurement Company hija kumpanija fittizja ta' Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran, li hija responsabbli għall-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran li jaħdmu bil-fjuwil likwidu. AIO hija s-sussidjarja industrijali u militari ewlenija tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran u hija tissorvelja l-produzzjoni tal-missili tal-Iran. AIO użat is-Safety Equipment Procurement Company għall-akkwist tal-inqas mill-2003. Hija involuta fl-attivitajiet tal-Iran marbuta mal-missili ballistiċi u għalhekk hija involuta fi, assoċjata direttament ma' jew tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 195. | Sanam Industrial Group<br><br>(magħruf ukoll bħala Sanam Industries Group;<br><br>Sanam Industrial Production Group;<br><br>Department 140;<br><br>Sanam Projects Management (SPM);<br><br>Sanam Industrial Company;<br><br>Sanam Industries Co.;<br><br>Sanam Industrial and Trading Company;<br><br>Sanam Group) | Indirizz nru 1: Pasdaran Road 15, Tehran, Iran<br><br>Indirizz nru 2: 3rd Fl., Sanam Bldg., Nobonyad Sq., Pasdaran Ave., Tehran (19579), Iran<br><br>Indirizz nru 3: P.O. Box 19575/596, Tehran, Iran<br><br>Indirizz nru 4: Km. 25th of Khavaran Rd., Tehran, Iran (Indirizz tal-Fabbrika)<br><br>Indirizz nru 5: Farzam Alley, No 3, Fatemi Square, Palestine St<br><br>Nru tat-telefon: + 98 21 2546008; + 98 21 2556772; + 98 21 88969501<br><br>Fax: + 98 21 2556830; + 98 21 88969501<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 176855<br><br>Kodiċi ekonomiku: 411139673763<br><br>Nru tal-ID nazzjonali: 10102191894<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 1987 u 2001 | Sanam Industrial Group huwa kkontrollat minn Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran u xtara tagħmir għall-programm tal-missili Iranjan. Sanam Industrial Group għalhekk qed jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari tal-Iran u huwa entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u lil entitajiet li huma proprjetà tiegħu jew ikkontrollati minnu jew persuni u entitajiet assoċjati miegħu. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 197. | Yazd Metallurgy Industries (YMI)<br>شرکت ذوب فلزات یزد<br>magħrufa wkoll bħala YMI;<br>Yazd Metallurgy Industry;<br>Yazd Ammunition Industries;<br>Yazd Metallurgical Ind's Co.;<br>Yazd Metallurgical Industries;<br>Yazd Metal Smelting Industrial Group;<br>Yazd Ammunition Manufacturing and Metallurgy Industries;<br>Directorate of Yazd Ammunition and Metallurgy Industries) | Indirizz nru 1: Pasdaran Ave., Next to Telecommunication Industry, Tehran 16588, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 89195/878, Yazd, Iran<br>Indirizz nru 3: P.O. Box 89195/678, Yazd, Iran<br>Indirizz nru 4: Km 5 of Taft Road, Yazd, Iran<br>Nru tat-telefon: + 98 35 15220322<br>Nru tal-fax: + 98 35 1523096<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1961<br>Nru ta' reġistrazzjoni: 860<br>Kodiċi ekonomiku: 411315443678<br>Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO); Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG); Shahid Sayyad Shirazi Industries | Yazd Metallurgy Industries (YMI) hija affiljata mad-Defense Industries Organization (DIO) u hija sussidjarja ta' Ammunition and Metallurgy Industries Group fl-Iran. YMI hija involuta fil-manifattura ta' komponenti taċ-ċentrifugi IR-1 fil-workshops tad-DIO fil-programm tal-missili tal-Iran. Barra minn hekk, hija involuta fil-produzzjoni ta' merkanzija li tista' tintuża għall-produzzjoni ta' armi nukleari jew vetturi għat-twassil ta' dawn l-armi.<br>Għalhekk, hija kienet qed tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari mill-Iran, permezz tal-involviment fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjali u teknoloġija pprojbiti. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 199. | Shahid Baheri Industrial Group (SBIG)<br>صنایع شهید باقری<br>(magħruf ukoll bħala Shahid Baheri Organisation;<br>SBIG;<br>Shahid Baheri Industries Group;<br>Shahid Bakeri Industrial Group;<br>Department 140/14;<br>Shahid Bagheri Industries Group;<br>Mahtab Technical Engineering Company;<br>Composite Propellant Missile Industry;<br>Sanaye Sokhte Morakab;<br>SSM) | Indirizz: Pasdaran Ave., Tehran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Iran's Aerospace Industries Organization (AIO) | Shahid Baheri Industrial Group (SBIG) huwa sussidjarja għall-Aerospace Industries Organization (AIO). Shahid Baheri Industrial Group (SBIG) jiżviluppa u jipproduċi l-missili ballistiċi bi propellant solidu tal-Iran. L-iżvilupp ta' dawn il-missili huwa kruċjali għall-bini ta' kapaċitajiet ta' twassil ta' armi nukleari. Għalhekk, SBIG huwa involut fi, assoċjat direttament ma', jew jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 200. | Shahid Hemmat Industries Group (SHIG)<br>گروه صنعتی شهید همت<br>(magħruf ukoll bħala Sabalan CIE; Sabalan Company; Sabalan Petrochemical Company (SPC); Sabalan Petrochemical Industries Company (SPICO); Sahand Aluminum Parts Industrial Company (SAPICO); Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG);<br>Chahid Hemmat Industrial Group;<br>Hemmat Missile Industries Factory;<br>Shahid Hemmat Industrial Complex;<br>SHIC;<br>Shahid Hemmat Industrial Factories;<br>SHIF;<br>Shahid Hemmat Industries Group;<br>Shahid Hemmat Complex;<br>Shahid Hemmat Industries;<br>Shahid Hemmat Industrial Complex;<br>Shahid Hemat; Industrial Complex;<br>Shahid Hemmat) | Indirizz: Damavand Tehran Highway, P.O. Box 16595/159, No 5, Eslami St., Golestane Sevvom St., Pasdaran St., Tehran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organisation (AIO) | Shahid Hemmat Industries Group (SHIG) huwa subordinat għall-Aerospace Industries Organization (AIO). SHIG huwa responsabbli għall-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran li jaħdmu bil-fjuwil likwidu, inkluż il-produzzjoni ta’ missili. L-iżvilupp ta’ dawn il-missili huwa kruċjali għall-bini ta’ kapaċitajiet ta’ twassil ta’ armi nukleari. Għalhekk, SHIG huwa involut fi, assoċjat direttament ma’, jew jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta’ proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta’ sistemi ta’ twassil ta’ armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006)” |

(5) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", l-entrata li ġejja tissostitwixxu l-entrata korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "A. Persuni":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "4. | Brigadier Ġeneral tal-IRGC Seyyed Mahdi FARAHI | | Viċi Ministru għad-Difiża u l-Appoġġ tal-Forzi Armati mill-2021. Qabel kien Viċi Ministru għad-Difiża u l-Affarijiet Industrijali tal-Ministeru għad-Difiża, kap tal-Industriji tad-Difiża u l-Organizzazzjonijiet Ajruspazjali tal-Ministeru għad-Difiża, kif ukoll kmandant tal-Kamp ta' Taħriġ tal-Persunal tal-Forzi Armati. Eks Kap tal-Organizzazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali tal-Iran (AIO) u eks direttur eżekuttiv tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) indikata mill-UE. Membru tal-IRGC. | 23.6.2008" |

(6) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "A. Entitajiet":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "2. | Forza tal-Ajru tal-IRGC | | Tħaddem l-inventarju tal-Iran tal-missili ballistiċi ta' firxa qasira u medja. | 23.6.2008 |
| 3. | Kmandant tal-Missili ta' Al-Ghadir għall-Forza tal-Ajru tal-IRGC | | Il-Missile Command Al-Ghadir tal-Forzi tal-Ajru tal-IRGC huwa element speċifiku fi ħdan il-Forzi tal-Ajru tal-IRGC li kien qed jaħdem mas-SBIG indikati mill-UE, mal-FATEH 110, missili ballistiċi b'medda qasira kif ukoll il-missila ballistika ta' medda medja Ashura. Dan il-kmand jidher li hu entità li fir-realtà għandha l-kontroll operattiv tal-missili. | 26.7.2010 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 5. | Il-Forza Qods tal-IRGC | Tehran, Iran | Il-Forza Qods tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjonarji Iżlamika (IRGC) hija responsabbli għall-operazzjonijiet barra l-Iran u hija l-għodda tal-politika barranija prinċipali ta' Tehran għal operazzjonijiet speċjali u ta' appoġġ għat-terroristi u l-militanti Iżlamiċi barra l-pajjiż. Il-Hizballah uża rokits fornuti mill-Forza Qods, missili cruise kontra l-bastimenti (ASCMs), sistemi ta' difiża tal-ajru li jinġarru min-nies (MANPADS), u inġenji tal-ajru mingħajr kontroll uman (UAVs) fil-konflitt tal-2006 mal-Iżrael u ggwadanja mit-taħriġ tal-Forza Qods fuq dawn is-sistemi, skont ma ġie rrappurtat fl-istampa. Skont varjetà ta' rappurtar, il-Forza Qods tkompli tforni mill-ġdid u tħarreġ lill-Hizballah dwar armi avvanzati, missili kontra l-inġenji tal-ajru, u rokits għal medda twila. Il-Forza Qods tkompli tipprovdi appoġġ letali limitat, tħarreġ u tiffinanzja lill-ġellieda Taliban fin-nofsinhar u l-punent tal-Afganistan inkluż armi ħfief, munizzjon, mortars, u rokits tal-kamp tal-battalja għal medda qasira. | 26.7.2010 |
| 13. | Fater Institute<br>مؤسسه فاطر<br>(Magħrufa wkoll bħala Faater Institute;<br>Fater Engineering Company;<br>Ghargah Ghaem Faater Institute;<br>Fater Engineering) | Indirizz nru 1: No 25, Valiasr Jonoobi, Azizi Street, Azadi Sq. NE, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: No 221, Phase 4, North Falamak-Zarafshan Intersection, Shahrak-E-Ghods, Tehran 14678, Iran<br>Tip ta' entità: kumpanija pubblika<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br>Entitajiet assoċjati: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC);<br>Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) | Il-Fater Institute hija kumpanija tal-kostruzzjoni u sussidjarja tal-entità tal-IRGC Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) u għalhekk hija kkontrollata mill-IRGC. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 16. | Khatam al-Anbiya Construction Headquarters<br>قرارگاه سازندگی خاتم الانبیاء | Indirizz: No 221, Phase 4, North Falamak-Zarafshan Intersection, Shahrak-E-Ghods, Tehran 14678, Iran<br>Tip ta' entità: kumpanija pubblika<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: l-Iran<br>Entitajiet assoċjati: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC);<br>Fater Institute | Khatam al-Anbiya Construction Headquarters hija kumpanija tal-kostruzzjoni kkontrollata mill-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |
| 22. | Behineh Trading Co. | Indirizz: Tavakoli Building, Opposite of 15th Alley, Emam-Jomeh Street, Tehran, Iran.<br>Individwi assoċjati: Ali Akbar Tabatabaei (IRGC);<br>Azim Aghajani (IRGC)<br>Entitajiet assoċjati: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) | Behineh Trading Co., li hija proprjetà ta' u/jew ikkontrollata minn Behineh Trading Company, hija kumpanija fittizja tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Behineh Trading Company hija wkoll marbuta mal-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew mal-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari mill-Iran. Hija kienet involuta wkoll fit-trasport illegali biex jiġi kkonsenjat tagħmir lill-IRGC. Behineh Trading Co. kienet ġestita u/jew issorveljata minn Esmail Ghani, il-Kap tal-Forza Quds tal-IRGC tal-Iran. Għalhekk, Behineh Trading Co. hija proprjetà ta' u/jew ikkontrollata mill-IRGC. | 17.10.2023<br>(NU: 18.4.2012) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 29. | Imensazan Consultant Engineers Institute<br>(مؤسسه مهندسین مشاور) ایمنسازان<br>(magħrufa wkoll bħala ICEI;<br>Imensazen Consultant Engineers;<br>Imensazan Consultant Engineers Institute;<br>Imen Sazan Consultant Engineers;<br>Imen Sazen Consultant Engineers Institute;<br>Imen Sazan Consulting Engineers;<br>Imen Sazan Consulting Ins.;<br>Imensazan Co. Eng.;<br>Imensazan Consulting Eng.) | Indirizz nru 1: 121 First Golestan Street, Pasdaran Tehran, Tehran Province 65916, Iran<br>Indirizz nru 2: No 5/1, Niroo Alley, Padegan-e-Valiasr Street, Sepah Square, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 3: Tehran – Ashrafi Esfahani to the north – above Hakim Bridge – before Chirag Bagh Faiz – East Ayatollah<br>Indirizz nru 4: Sadouq Street – No 5 – Postal code 1461934358 (Mr Engineer Azad – Iran Concrete Association)<br>Nru tat-telefon: 44234261<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1989 u 1990<br>Entitajiet assoċjati: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC);<br>Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) | Imensazan Consultant Engineers Institute hija kumpanija tal-kostruzzjoni tal-mini u tad-difiża passiva u sussidjarja tal-entità Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) tal-IRGC. Imensazan Consultant Engineers Institute huwa għalhekk ikkontrollat mill-IRGC. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |
| 30. | Yas Air<br>یاس ایر<br>(magħrufa wkoll bħala Pouya Air;<br>Pouya Airlines;<br>Yas Air Kish;<br>YasAir Cargo Airline;<br>Pars Air;<br>Pars Aviation Service Company (PASC);<br>Qeshm Air) | Indirizz: Mehrabad International Airport, Next to Terminal No 6, Tehran, Iran<br>Sit web: pouyaair.com; yasair.com<br>Tip ta' entità: Cargo airline<br>Post tar-reġistrazzjoni: l-Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 2000 (bħala Qeshm Air) u 2008 bl-isem ġdid ta' Yas Air<br>Entitajiet assoċjati: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) | Yas Air, magħrufa wkoll bħala Pouya Air, hija linja tal-ajru tal-merkanzija Iranjana maħluqa u ġestita bħala sussidjarja diretta tal-IRGC. Hija għalhekk ikkontrollata mill-IRGC. | 17.10.2023<br>(NU: 10.12.2012)" |

II. Fl-Anness V tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, jitħassru l-entrati kollha.